# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 24 ta' April 2001.**

**Numru 3**

**Rikors numru 16B/96 DM**

**Francis Paris, Emmanuela Paris, Theresa Paris, Felicia mart Emmanuele Falzon u l-istess Emmanuele Falzon bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Carmen mart il-mejjet Joseph Paris, Anthony Paris bin il-mejjet Joseph u Carmen Paris, Emmanuela Mercieca bint il-mejjet Joseph u Carmen Paris, u zewgha Paul bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

**vs**

**John u Anthony ahwa Grima**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza fuq appell interpost mir-rikorrenti Francis Paris et kontra sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-16 ta' Lulju 1997, fl-atti tar-rikors u bl-ismijiet imsemmija liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-imsemmija Francis Paris et fejn ippremettew :-

Illi missierhom Joseph Paris kien ikkonceda b'titolu ta' lokazzjoni lil John Grima, missier l-intimati, l-fondi ossia 'garages' numri 173 u 175, Arcade Street, Paola, versu l-kera ta' Lm46 fis-sena.

Illi l-istess John Grima miet u ghalhekk l-intimati qed jokkupaw il-fondi fuq imsemmija minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

Illi permezz ta' ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar 1991, ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati sabiex jivvakaw immedjatament mill-fondi in kwistjoni.

Illi sussegwentement saret kawza fil-Qorti tal-Magistrati sabiex din tordna lill-intimati jizgumbraw mill-fondi fuq imsemmija, pero' l-istess Qorti iddikjarat in-nuqqas ta' kompetenza taghha li tiddeciedi l-kaz.

TALBU li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-imsemmija fondi u jordna wkoll lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgumbraw mill-istess fondi.

Ra r-risposta ta' John u Anthony ahwa Grima fejn esponew :

Illi, skond id-disposizzjonijiet tal-ligi (Kap. 69) li jirregolaw il-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Bord, il-Bord hu kompetenti biex jordna t-terminazzjoni ta' lokazzjoni ghar-ragunijiet biss li huma kontemplati skond dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi, mentri r-rikorrenti odjerni qeghdin jitolbu l-izgumbrament ta' l-esponenti billi jallegaw li l-istess esponenti m'ghandhomx titolu skond il-ligi, u ghalhekk it-talba taghhom mhix wahda li hi ta' kompetenza ta' dan il-Bord.

Illi in sostenn ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni ta' l-esponenti, jinghad li diga' b'sentenza ta' Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-11 ta' Jannar 1996, fil-kawza fl-ismijiet "Francis Paris et vs John Grima" gie stabbilit ghar-rigward tal-fond "de quo" illi tezisti kirja fil-fazi ta' rilokazzjoni.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet ;

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process ; u

Ikkunsidra :-

Illi fir-rikors taghhom, ir-rikorrenti ma humiex qed jippremettu li l-intimati jinsabu fil-pussess tal-fond in kwistjoni in forza ta titolu ta' lokazzjoni, izda qed jallegaw pussess abusiv bla ebda titolu. Inoltre qed jitolbu lil dan il-Bord jawtorizza r-ripresa tal-istess fodn ghar-raguni unika li l-intimati qeghdin fil-pussess tal-fondi bla ebda titolu.

Il-kompetenza ta' dan il-Bord specjali fejn jirrigwarda talbiet ghar-ripresa ta' pussess ta' fondi f'idejn terzi hija ristretta u regolata mill-provvedimenti tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-ligi tipprospetta li dawn it-talbiet ghar-ripresa tal-pussess ta' fond f'idejn haddiehor ikunu jirrigwardaw esklussivament fond li jkun suggett ghal lokazzjoni u li ghalhekk l-intimat ikun ghadu qed jokkupa l-istess fond in forza ta' dik l-istess lokazzjoni.

Stabbilita din il-lokazzjoni, l-istess Bord jista' jghaddi biex jikkunsidra t-talba ghar-ripresa tal-pussess fil-kaz biss li tigi allegata xi wahda jew iktar mill-kawzali espressament elenkati mill-istess Kapitolu 69.

Fir-rikors odjern la qed tigi premessa lokazzjoni jew almenu possibbli lokazzjoni u t-talba ghall-izgumbrament qed tigi bbazata fuq nuqqas ta' titolu validu li mhix wahda mill-kawsali pprospettati mill-ligi specjali msemmija.

Ghaldaqstant jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u jiddikjara ruhu inkompetenti li jiehu konjizzjoni tar-rikors kif ibbazat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Ir-rikorrenti appellaw permezz ta' rikors tal-appell prezentat fit-22 ta' Lulju 1997, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni minnhom appellata bl-ispejjez kontra l-appellati u terga' tibghat l-atti lura lill-Bord sabiex dan jiddeciedi fuq it-talbiet kif dedotti fir-rikors.

Jigi rrilevat mill-ewwel illi originarjament, ftit wara li beda jinstema' dan l-appell, dan kien gie trattat u saru anke noti ta' osservazzjonijiet da parti tal-partijiet u l-appell kien thalla ghas-sentenza. Gara li din il-Qorti fil-

kors ta' ezami akkurat li taghmel tal-atti processwali skopriet illi ghalkemm fir-rikors tal-appell kien hemm indikazzjoni esplicita u dettaljata illi fil-prim istanza f'certu hin ir-rikors promotur kien gie emendat permezz ta' korrezzjoni awtorizzata mill-Bord, dan ma kienx jirrizulta la mill-istess att promotorju u kif anqas minn xi verbal appositu.

Konsegwentement din il-Qorti ssospendiet il-prolazjoni tas-sentenza, rrilevat dan il-problema lid-difensuri tal-partijiet u talbet spjegazzjoni fuq hekk minghandhom.

Kien hemm impenn minnhom it-tnejn u partikolarment minn Dr. Edward Woods illi jippruvaw isibu l-verbal relativ peress li dan ma kienx jirrizulta fl-atti processwali.  Pero' ghalkemm inghataw zmien aktar milli necessarju dan il-verbal baqa' ma nstabx la minn wiehed u lanqas mill-iehor.  Ta' min jghid illi filwaqt illi Dr. Edward Woods jafferma ghal darba darbtejn illi huwa kien talab il-korrezzjoni u anke ddettaha u hemm verbal relativ, Dr. Vassallo ghalkemm ma jeskludix kategorikament dan, peress illi jghid li jista' jkun li ghal xi seduta partikolari ma kienx attenda, m'ghandu ebda idea illi saret tali korrezzjoni.  F'certu zmien Dr. Edward Woods offra x-xhieda tieghu u dana wara li ma rnexxielux isib il-verbal relativ u din tinsab a fol 76 u 77 tal-process.  Huwa ghamel riferenza ghan-notamenti li ghandu fil-file tieghu u bil-gurament ikkonferma illi f'seduta partikolari quddiem il-Bord huwa kien talab u ottjena korrezzjoni fil-paragrafu 2 tar-rikors promotur

fis-sens kif hemm indikat fir-rikors tal-appell u cioe' illi minflok il-kliem "l-intimati qed jokkupaw il-fondi fuq imsemmija minghajr ebda titolu validu fil-ligi" iddahhlu l-kliem "illi l-istess John Grima miet u ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom dritt jirriprendu l-pussess tal-fondi fuq imsemmija skond il-ligi". Huwa xehed ukoll illi kellu notament li kwota fl-okkazjoni tat-talba tal-korrezzjoni u tal-verbal relativ hu kien ikkwota l-artikoli 25 u 27 (2) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa jiftakar ukoll illi l-Bord kien laqa' t-talba tieghu u akkorda l-korrezzjoni mitluba.

Partikolarment minhabba l-fatt illi fil-konfront tal-gurament ta' Dr. Woods, li din il-Qorti ma tiddubitax minnu, ma hemmx xi prova kategorika u esplicita illi tpoggi in dubbju dak li qieghed jallega, din il-Qorti tara li hu l-kaz illi taccetta illi effettivament intalbet u giet akkordata fil-prim istanza l-korrezzjoni mitluba u li ghal xi raguni li ma gietx spjegata, imma li ma tistax tigi eskluza, l-verbal relativ ma nstabx. Din il-Qorti ma temminx li ma sarx verbal anke 'il ghaliex hemm il-gurament stess ta' Dr. Woods illi jiftakar lilu nnifsu jiddettah. Evidenti ghalhekk il-fatt illi l-istess verbal intilef u ma setax jigi rintraccjat, kif, sfortunatament, gieli jigri.

Dan il-fatt evidentement ibiddel ix-xenarju li fih jidher li giet deciza s-sentenza mill-Bord tal-Kera li evidentement anke hi quddiemha ma kellhiex dak il-mument li ddecidiet il-kawza l-emendi li saru li hija stess akkordat ghar-rikors promotur.

Skond l-appellanti r-rikors promotorju kif sussegwentement korrett kien jippremetti inter alia illi ;

i) Missier ir-rikorrenti kkonceda dawn il-fondi b'titolu ta' lokazzjoni lil missier l-intimati ;

ii) Mal-mewt tal-missier l-intimati, r-rikorrenti kellhom dritt jirriprendu l-pussess tal-fond in kwistjoni.

Ghalhekk l-esponenti talbu r-ripresa tal-fondi.

Dan kif inghad ibiddel ix-xenarju ta' dak li gie deciz mill-ewwel Qorti talment illi minhabba li s-sentenza appellata hija ibbazata fuq ir-rikors kif kien qabel ma gie emendat ma tistax tibqa' kif inhi. Fir-rigward din il-Qorti ser tghid mill-inqas biex ma tippregudikax il-mertu u sejra sempliciment tannulla s-sentenza appellata ghaliex ibbazata fuq kawzali li ma kienux ghadhom jezistu u li kienu gew emendati bl-awtorizazzjoni taghha stess u sejra tibghat l-atti lura lill-istess Bord biex jiddeciedi l-kaz mill-gdid abbazi tal-att promotorju kif korrett, u dan wara li jigu registrati l-emendi kif mitluba u konfermati bil-gurament quddiem din il-Qorti minn Dr. Woods.

Ghal dawn il-motivi, s-sentenza tal-Bord qed tigi annullata u l-atti qeghdin jintbaghtu lura lill-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera ghall-iskop

indikat u cioe' biex l-ewwel jigu registrati l-emendi kif jidhru fir-rikors tal-appell odjern u kif konfermati bil-gurament minn Dr. Edward Woods u biex imbaghad ir-rikors promotorju kif korrett jigi trattat u deciz fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-intimati. Kwantu ghar-rigward tal-ispejjez, din il-Qorti hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi dawn ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet, cioe', kemm dawk tal-prima istanza kif ukoll dawk ta' din l-istanza.

Dep/Reg

mg